# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 20**

**Rikors numru 215/11 AL**

**Khaled Shehata**

**v.**

**Isabelle Ruggier personalment u ghan-nom ta' wliedha**
**Zachary Ruggier u Hannah Ruggier**
**u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Familja moghtija fil-26 ta' Ottubru 2016 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment:

"Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

"1. Illi fit-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005) twieled tifel Zachary kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid numru elfejn u mitejn wiehed u erbghin tas-sena elfejn u hamsa (2241/2005) (anness u mmarkat bhala Dok A);
"2. Illi fit-tlieta (3) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha twieldet tifla Hannah kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tlett mija u disgha tas-sena elfejn u disgha (309/2009) (anness u mmarkat Dok B);
"3. Illi ghalkemm fic-certifikati tat-twelid imsemmija gie dikjarat illi l-missier tat-tfal Zachary u Hannah huma ta' missier mhux maghruf fil-fatt l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri;
"4. Illi l-attur u l-konvenuta Isabelle Ruggier ilhom f'relazzjoni ghal aktar minn disa' snin u z-zewgt minuri jafu lil attur bhala missierhom kif jista' jigi ppruvat ampjament tul it-trattazzjoni tal-kawza;
"5. Illi l-paternita tal-minuri Zachary u Hannah tista' tigi stabbilita' permezz ta' testijiet genetici appoziti;
"6. Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 8 ta' April 2011 l-attur interpella lill-intimata Isabelle Ruggier sabiex tersaq fuq att notarili ta' rikonoxximent tal-minuri (Dok C);
"7. Illi wara li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet spiccat il-konvenuta Isabelle Ruggier bdiet tirrifjuta li taghti access ghat-tfal lill-attur u konsegwentement l-attur ilu ma jara lil uliedu ghal xhur shah;
"8. Illi l-attur ghandu interess li jigi korrett ic-certifikat tat-twelid taz-zewgt uliedu minuri sabiex ikun jista' legalment jezercita d-drittijiet tieghu bhala missier;
"9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

"Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

"1. Tiddikjara li l-attur Khaled Shehata huwa l-missier naturali tal-minuri Zachary; u konsegwentement
"2. Tordna l-korrezzjoni tac-ceritifikat tat-twelid tal-Minuri Zachary (Att Nru 2241 tal-2005) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri tikkancella l-kliem 'missier mhux maghruf' u tissostitwih bl-isem 'Khaled Shehata' u tordna ukoll illi l-partikolarijiet relattivi ghal professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolarijiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smigh tal-kawza;

“3. Tiddikjara li l-attur Khaled Shehata huwa l-missier naturali tal-minuri Hannah; u konsegwentement

“4. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri Hannah (Att Nru 309 tal-2009) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri tikkancella l-kliem ‘missier mhux maghruf’ u tissostitwih bl-isem ‘Khaled Shehata’ u tordna ukoll l-partikolarijiet relattivi ghal professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta’, ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b’dawk il-partikolarijiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smigh tal-kawza;

“5. Tordna li l-kunjom taz-zewgt tal-minuri ikun l-istess kunjom tal-missier naturali u cioe’ ‘Shehata’;

“Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni;

“Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

“Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa; (fol. 41)

“1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x’jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f’dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

“2. Illi bla ħsara għall-premess f’każ li tintlaqa’ l-ewwel u t-tielet t-talba ta’ l-attur l-esponent jinvita lil istess attur Khaled Shehata sabiex permezz ta’ nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri Liam, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta’ residenza tiegħu meta twieldu l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta’ missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldu it-tfal Zachary u Hannah. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex eventwalment jiġu inseriti fl-Atti tat-Twelid tal-imsemmiha Zachary bin-numru ta’ reġistrazzjoni 2241 tas-sena 2005 u ta’ Hannah bin-numru ta’ reġistrazzjoni 309 tas-sena 2009;

“3. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir tal-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

“4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

“Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

“Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

“Rat ir-risposta guramenta tal-konvenuta Isabelle Ruggier personalment u bhala kuratrici tal-minuri Zachary Ruggier u Hannah Ruggier, li permezz taghha eccepiet (fol 60) :

“Illi preliminarjament ukoll hija qed taghti ruhha notifikata bir-rikors guramentat u titlob li ghandha tigi kjamata fil-kawza mart l-istess Khaled Shehata li jisimha Anna Shehata ghal kull interess li jista jkollha u t-talba qed issir ai termini tal-artikolu 77A tal-Kap 16 stante li r-rikorrenti huwa mizzewweg lill-istess Anna Shehata u stante wkoll li kemm-il darba din il-Qorti tilqa t-talbiet tar-rikorrenti attur, martu li jghix maghha ghandha tkun taf li r-rikorrenti zewgha jkun obligat ihallas manteniment ghaz-zewg uliedu liema manteniment tkun qed tohrog ghaliha l-istess martu stante li jkun gej minn flus appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti.

“Illi preliminarjament ukoll r-rikorrenti ghandu ai termini tal-artikolu 156(4) tal-Kap 12 jindika sal-ewwel seduta min huma x-xhieda li semma fit-tielet paragrafu tal-lista tax-xhieda tieghu.

“Illi bla pregugizzju ghal premess, it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt stante li :

“1. Ir-rikorrenti attur ma ottemperax ruhu mal-artikolu 77C tal-Kap 16 stante li ghaddew aktar minn sitt xhur mit-twelid taz-zewg ulied u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

“2. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess ir-rikorrenti mhux fl-interess tal-minuri li huma jkunu jafu minn hu l-missier naturali taghhom u dan kif jigi pruvat waqt il-kawza.

“Salvi risposti ulterjuri.

“Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta Isabelle Ruggier personalment u bhala kuratrici tal-minuri Zachary Ruggier u Hannah Ruggier;

“Semghet lix-xhieda illi tressqu;

“Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta’ dan il-proċediment;

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

"Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

"Ikkunsidrat :

"Il-Qorti rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Novembru 2012 li permezz tieghu ordnat li jittieħdu l-kampjuni għall-finijiet ta' testijiet xjentifiċi u ġenetiċi minn fuq il-persuna tal-konvenuta Isabelle Ruggier u minn fuq il-persuni tal-minuri Zachary u Hannah.

"Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 t'Ottubru 2013 illi permezz tagħha l-appell ġie miċħud u l-atti ġew rinvjati lil din il-Qorti għat-tkomplija tas-smigħ tal-kawża.

"Rat id-dokumenti kollha esebiti inkluż l-affidavits tal-partijiet[1] u tax-xhieda Jayne Torpiano[2], Nathalie Ruggier[3] u Edgar Ruggier[4], il-kondotta tal-attur u character reference[5].

"Rat ir-rapport tad-DNA redatt minn Dr. Marisa Cassar u ppreżentat fl-14 ta' Jannar 2015[6].

"Semgħet il-kontro-eżami tal-konvenuta[7] u tal-attur[8].

"**KONSIDERAZZJONIJIET**

"<u>DWAR L-EWWEL EĊĊEZZJONI PRELIMINARI</u>

"Fl-ewwel lok, il-Qorti ser tgħaddi biex tiddiskuti l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta fejn hija tgħid li l-attur m'ottemporax ruħu mar-rekwiżiti tal-Artikolu 77C. Fis-sottomissjonijiet tagħha, il-konvenuta telabora li l-attur kellu jressaq l-azzjoni odjerna fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-ulied, jew fin-nuqqas, jitlob l-awtorizzazzjoni tal-istess Qorti sabiex jipproċedi wara t-trapass ta' sitt xhur.

[1] Tal-attur fol. 45 et seq. u r-ritratti miegħu annessi u tal-konvenuta fol. 187 et seq. u r-rapport miegħu anness
[2] Fol. 213
[3] Fol. 215
[4] Fol. 240
[5] Fol. 227 et seq.
[6] Fol. 164 et seq.
[7] Seduta tad-19 ta' Novembru 2015 fol. 229 et seq.
[8] Seduta tal-21 t'April 2016, fol. 248 et seq.

"Il-Qorti tirrileva illi l-attur fl-ebda mument ma ddikjara illi qed jagħmel it-talba tiegħu taħt l-Artikolu 77A. Fir-rikors ġuramentat jagħmel it-talbiet tiegħu mingħajr ma jorbothom ma' kwalsiasi artikolu. Kienet biss il-konvenuta li ddeċidiet illi din it-talba hija waħda li qed issir taħt l-Artikolu 77A u tiddikjara dan fir-risposta ġuramentata tagħha.

"Il-Qorti ma taqbilx li din hija azzjoni taħt l-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili u hija tal-fehma li l-azzjoni odjerna hija waħda ai termini tal-Artikolu 86 tal-istess kodiċi. Fil-każ odjern, l-artikoli formanti parti mis-Sub-Titolu I tat-Titolu II tal-Ewwel Ktieb, fosthom l-artikoli 77 u 77A ma japplikawx. Is-Sub-titolu I japplika għall-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, u huwa ċar li is-subtitolu qed jirreferi għal ulied imnissla jew imwielda minn omm li tkun miżżewġa (u mhux minn missier li jkun miżżewweġ). Konstantament issir referenza fis-subtitolu kollu għal żewġ l-omm, iżda mkien ma ssir l-istess referenza għal mart il-missier. Fil-każ odjern, l-ulied twieldu lil omm xebba fil-waqt illi l-allegat missier kien sija fil-mument tal-konċepiment u anke fit-twelid, miżżewweġ. Dana ma jagħmilx l-azzjoni waħda msejsa fuq l-artikolu 77A, għaliex fil-fehma tal-Qorti, kull fejn l-artikoli qed jagħmlu distinzjoni bejn ulied imnissla u mwielda fiż-żwieġ u ulied imwielda u mnissla barra miż-żwieġ, huwa ċar li l-liġi qed titkellem fuq l-istat tal-omm u mhux tal-missier. Dan ir-raġunament tal-Qorti jsib konfort fl-artikolu 89, taħt is-subtitolu tal-filjazzjoni tal-ulied imnissla u mwielda barra miż-żwieġ, fejn il-liġi tirregola s-sitwazzjoni tal-ulied li jitnisslu u jitwieldu barra miż-żwieġ iżda l-missier li jagħraf lill-ulied ikun miżżewweġ. Għaldaqstant huwa iktar ċar li fiċ-ċirkostanzi ta' ulied li jitwieldu lil omm xebba u missier miżżewweġ (mhux lill-omm) huwa applikabbli s-Subtitolu III.

"Ladarba l-azzjoni hija waħda li temani mill-Artikolu 86, l-attur ma kellux terminu li fih kien marbut jaġixxi u lanqas il-ħtieġa li jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. L-artikolu 86 ma jagħmilx dawn ir-rekwiżiti bħalma jagħmel l-artikolu 77C.

"In vista ta' dan, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta m'hijiex qed tiġi akkolta u l-Qorti qiegħda tiskarta kwalsiasi sottomissjoni tal-konvenuta fejn tinsisti li kellhom jiġu osservati r-rekwiżiti tal-Artikolu 77C.

"<u>DWAR IL-MERTU</u>

"L-attur jitlob illi huwa jiġi magħruf bħala il-missier naturali tal-minuri Zachary u Hannah mitwielda lill-konvenuta Isabelle Ruggier fit-3 ta' Lulju 2005 u fit-3 ta' Jannar 2009. Sal-lum dawn huma dikjarati bħala ulied missier mhux magħruf u jġorru il-kunjom tal-omm ossia Ruggier.

"Illi l-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi li fil-każ odjern[9] ikkonfermaw il-probabilta 99.9999% li l-attur huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri Zachary u Hannah. Fil-fatt l-esperta inkarigata mill-Qorti Dr. Marisa Cassar ikkonfermat illi "Mit-testijiet li għamilt irriżulta illi Khaled Shehata (ID No. 330298M) hu l-missier naturali ta' Zachary u Hannah Ruggier."

"Fil-fatt, il-konvenuta nniffisha xehdet illi l-minuri huma ulied l-attur u dan fil-kontro-eżami meta saritilha d-domanda diretta: "Mela ħa nsaqsik bil-mod, Zachary u t-tifla huma t-tfal ta' Khaled Shehata?" Risposta: "Iva".

"Il-konvenuta teċċepixxi illi mhux fl-interess tal-minuri li huma jkunu jafu min hu l-missier naturali tagħhom. Hija tressaq diversi affidavits sabiex tipprova illi l-attur huwa bniedem ta' karattru kemmxejn oskur. Min-naħa tiegħu, l-attur jipprova juri li huwa bniedem responsabbli u ta' min jorbot fuqu. Dawn il-provi kollha f'għajnejn il-Qorti huma superfluwi, għaliex ma jeżistux l-estremi li jistgħu jiġġustifikaw li l-minuri ma jkunux jafu min hu missierhom. Anke l-aġir tal-konvenuta nnifisha jindikaw illi m'hemmx dawn l-estremi għaliex din wara li kellha tifel minn "missier daqshekk ħażin", ma ddejqet xejn ikollha relazzjonijiet sesswali miegħu miftuħin għall-prokreazzjoni tal-ulied, b'tali mod li reġgħet inqabdet tqila bit-tieni tarbija tiegħu. Il-konvenuta tista' forsi targumenta illi qabel ma twieled Zachary, ma setgħetx tkun taf kemm l-attur huwa missier mhux affidabbli, iżda ċertament li qabel ma twieldet Hannah kienet taf. F'għajnejn il-Qorti dan jġib l-argumenti tagħha kollha rigward l-affidabilita o meno tal-attur fix-xejn.

"<u>DWAR IL-KUNJOM TAL-MINURI</u>

"Il-minuri Zachary u Hannah, mertu ta' din il-kawża, llum għandhom ħdax u seba' snin rispettivament. Il-missier naturali ossia l-attur dam xi ftit jaħsibha qabel ma ntavola il-proċeduri, fil-waqt illi l-omm, ossia il-konvenuta, għamlet li setgħet biex jitwalu l-proċeduri.

"Il-Qorti f'dak li jirrigwarda l-kunjom li jkollhom il-minuri, mhijiex ser tikkonsidra jekk il-missier hux ser jiġi "punit" jew jekk għandux "ibagħti" l-fatt li uliedu ma jkollhomx kunjomu. Il-ħsibijiet tal-ġenituri huma għal kollox irrelevanti għall-Qorti li rrispettivament mit-tortijiet tal-ġenituri għandha quddiemha **biss** l-aħjar interess ta' dawn it-tfal, li sal-lum huma magħrufa bil-kunjom tal-omm Ruggier. Huwa fl-aħjar interess tagħhom li f'dan l-istadju jibdew isiru magħrufa bil-kunjom tal-missier "Shehata"? Din il-Qorti hija tal-fehma li l-minuri ilhom wisq magħrufa bil-kunjom Ruggier u tħossha ftit kiefra li tibdel il-kunjom ta' Zachary f'dan l-istadju fejn huwa ġja għalaq ħdax-il sena u partikolarment fid-dawl li hu

[9] Fol. 164 et seq.

jbaghti mill-kondizzjoni tal-awtiżmu u ġie ċertifikat li "Zachary finds it difficult to deal with changes, which may cause him a lof anxiety and affect his general behaviour"[10]

"Għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi biex tordna li l-minuri Zachary jibqa' magħruf bil-kunjom Ruggier, u konsegwentement anke Hannah tibqa' magħrufa bil-kunjom Ruggier. Dana m'għandu jnaqqas xejn mill-involviment tal-missier fil-ħajja tal-minuri li jistgħu jibbenefikaw minn relazzjoni tajba ma' missierhom, filwaqt illi jevitaw li jgħaddu minn xi esperjenzi negattivi minħabba l-bdil tal-kunjom tagħhom.

"DWAR IL-KAP TAL-ISPEJJEŻ

"Illi jirriżulta li qabel ma ntavola dawn il-proċeduri, l-attur kien ippreżenta ittra uffiċjali fil-konfront tal-konvenuta fejn kien infurmaha bl-intendiment tiegħu li jirrikonoxxi lil uliedu.[11] Din l-ittra ġiet debitament notifikata lill-konvenuta li min-naħa tagħha għażlet illi ma tweġibhiex. Illi matul din il-kawża, il-konvenuta, għamlet kulma setgħet biex ittawwal il-proċeduri, opponiet għat-teħid tal-kampjuni u saħansitra ntavolat appell "biex jintilef aktar żmien f'din il-kawża"[12]. Illi huwa manifest li din il-kawża serviet biss biex jinħela l-ħin għaliex il-konvenuta mill-bidu kienet taf li l-minuri huma ulied l-attur. Illi għaldaqstant għandha tkun il-konvenuta Isabelle Ruggier illi tbaghti l-ispejjeż ta' din il-kawża.

"**DEĊIDE**

"Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel erba' talbiet attriċi u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi:-

"1. Tiddikjara illi l-minuri Zachary imwieled fit-3 ta' Lulju 2005 minn Isabelle Ruggier u l-minuri Hannah imwielda fit-3 ta' Jannar 2009 minn Isabelle Ruggier huma l-ulied naturali tal-attur Khaled Shehata detentur tal-karta tal-identita` 330298(M).

"2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-atti tat-twelid tal-minuri Zachary u Hannah jikkanċella l-kliem 'unknown father' u minflok jitniżżlu isem u kunjom l-attur Khaled Shehata u l-konnotati kollha tiegħu. Il-Qorti qed tagħti lill-attur ġimgħa żmien millum sabiex b'nota, notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, jiddikjara l-konnotati kollha

[10] Rapport ta' Yanika attard mill-Malta Autism Centre fol. 208 et seq.
[11] Ittra ddatata 11 t'April 2011 u nnumerata 35/11, fol. 6
[12] Sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri tal-25 t'Ottubru 2013

tiegħu kif mitlub fit-tieni paragrafu tar-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (fol. 41).

"3. Il-minuri għandhom jibqgħu magħrufa bil-kunjom Ruggier u għaldaqstant id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku qed jiġi ordnat iniżżel annotazzjoni ta' din id-deċiżjoni fuq l-att tat-twelid taż-żewġ minuri.

"Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta Isabelle Ruggier."

Rat l-appell tal-konvenuta li permezz tieghu talbet ir-revoka tal-istess sentenza u li allura jigu milqugha l-eccezzjonijiet taghha. Il-konvenut l-iehor Direttur tar-Regstru Publiku u l-attur jaqblu mas-sentenza imsemmija.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ottubru 2017 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkonsidrat;

**AGGRAVJI TAL-KONVENUTA**

Illi l-appellanti ressqet hames aggravji u l-ewwel tnejn minnhom jirrigwardjaw l-interpretazzjoni tal-Artikoli 77, 77A u 77C tal-Kodici Civili. Hija ssostni li l-azzjoni attrici kwindi hija perenta; dawn l-artikoli, flimkien mal-Artikolu 77B jghidu hekk:

"***77.*** *Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, il-filjazzjonita' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minnkull min ikollu interess:(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata ul-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibilità fiżika li jgħammar ma'martu minħabba f'li kien bogħod minnha jew minħabba f'xi aċċident ieħor; jew (b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-marakienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xifatt ieħor li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi uxjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missiernaturali tat-tifel.*

"***77A.*** *Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-ġenitur naturali ta' wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled il-wild, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi liwiled, il-konjuġi l-ieħor u l-wild, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekkxi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxielu jipprova lifiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild, il-konjuġi li wiled kien wettaq adulterju miegħu, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll ikunu testijiet u proviġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lill-konjuġi l-ieħor bħala l-ġenitur naturali tal-wild.*

"***77B.*** *It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan, tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba tali ġenitur li wiled jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild tali ġenitur wettaq adulterju ma' dik il-persuna li dak il-ġenitur ikun qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-ġenitur naturali tal-wild.*

"***77Ċ.*** *Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77A u 77B il-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-konjuġi li wiled skont il-każ, jistgħu jipproċedu b'kawża għal dikjarazzjoni li persuna huwa l-ġenitur jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-wild:*"

L-ewwel Qorti ikkonkludiet li l-azzjoni intentata mill-appellat, ma hijiex indirizzata skont dawn l-artikoli izda skont l-Artikolu 86 illi allura ma ghandu ebda terminu ta' dekadenza. Dan jghid illi:

"**86** . *It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemmukoll separatament:*

*Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it-tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:*

"*Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darbaomm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjaratli dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dakit-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, majkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' notapreżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbilgħandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ligħandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi:*

"*Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikolluinteress jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qortitiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattiv.*

Huwa evidenti illi l-ewwel Qorti interpretat tajjeb il-kwalita` ta' azzjoni li kellha quddiemha. Il-partijiet ma humiex mizzewgin u l-ulied huma frott ta' relazzjoni extra konjugali li kellhom. Ghalhekk il-provvedimenti tal-Artikoli 77 et sequitur assolutament ma japplikawx ghall-kaz in ezami. Tant huwa hekk li dawn l-artikoli huma taht is-sub titolu intitolat FUQ IL-FILJAZZJONI TAL-ULIED IMNISSLA JEW IMWIELDA <u>MATUL IŻ-ŻWIEĠ</u>. (sottolinear ta' din il-Qorti).

Il-partijiet kif inghad **mhux mizzewgin** u ghalhekk il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellanti ostinatament tibqa' ssostni din l-eccezzjoni taghha. Certament ma tistax tinterpreta l-kliem *matul iz-zwieg* li jinkludu lill-appellat ghaliex dan mizzewweg lil haddiehor! Il-kliem imsemmija indubbjament japplikaw meta l-partijiet fil-kawza jkunu mizzewgin **lil xulxin** u ma jistax ikun hemm interpretazzjoni ohra ghal dan il-kliem. Infatti l-Artikolu 86 li ai termini tieghu giet istitwita l-kawza, jaqa' taht is-sub titolu msemmi FUQ IL-FILJAZZJONI TAL-ULIED IMNISSLA U MWIELDA BARRA MIŻ-ŻWIEĠ – kif appuntu huma l-ulied li dwarhom saret il-kawza. KIf sewwa eccepixxa l-appellat fir-risposta tieghu ghall-appell, is-sentenzi citati mill-appellanti fir-rikors taghha ma japplikaw b'ebda mod ghal din il-kawza ghaliex huma bejn partijiet li kienu mizzewgin. Is-sentenza **Thompson v. Spiteri** (Appell, 31 ta' Ottubru 2007) m'hijiex simili ghal din ghaliex hemmhekk l-attur attakka l-legittimita` tal-minuri u ghalhekk kellu jipprova li r-ragel tal-konvenuta kien fl-impossibilita` fizika li jkun il-missier tieghu – fil-kaz odjern il-minuri huma imnizzlin fic-certifikat tat-twelid bhala wlied missier mhux maghruf u ghalhekk l-attur appellat ma ghandux ghalfejn jaghmel din il-prova.

L-aggravji msemmija ghalhekk huma michuda.

L-aggravji l-ohra ma tantx jimmeritaw wisq deliberazzjoni. It-tielet aggravju jirrigwardja l-access akkordat lill-appellat, madankollu l-ewwel Qorti ma ddecidiet xejn dwar dan u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tal-istess aggravju. Fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Coppola v. Bonello** (30 ta' Mejju 2014) intqal illi:

> "*Dan kollu allura jfisser li appell, kemm principali u kemm incidentali, jista' jsir biss mill-parti dispositiva tas-sentenza u allura il-parti decisiva u obligatorja kif gia issemma. .......... Ladarba pero' din mhijiex parti essenzjali mis-sentenza u allura ma torbotx il-partijiet kif torbothom il-parti dispositiva, il-Qorti ghal ragunijiet purament procedurali .....se tiddikjara dan l-appell inammissibbli.*"

Kif qalet ukoll il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Andrew Pace et v. Unscheduled Bus Service**, deciza fil-15 ta' Dicembru 2003; "*Il-Qorti tifhem illi bl-espressjoni 'kap wiehed jew izjed ta' kull sentenza' adoperata fl-Artikolu 240 tal-Kap. 12 jew f'dispozizzjonjiet ohra tal-Kodici tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili .. fejn tissemma' l-kelma 'kap' il-ligi qed tirreferi espressament ghall-kapi fil-parti operattiva tas-sentenza*".

Ir-raba' aggravju jirrigwardja l-ispejjez tal-kawza. L-appellanti tilmenta li ma kellhiex tigi addossata bl-ispejjez ghaliex l-appellat qaghad jistenna li jsir cittadin Malti qabel istitwixxa l-kawza u allura ghadda z-zmien sakemm dan sar u l-minuri gew registrati bhala wild missier mhux maghruf.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ghaliex l-appellanti setghet facilment evitat il-proceduri kieku aderixxiet mat-talba tal-appellat permezz tal-ittra ufficjali illi ipprezenta qabel ma beda l-kawza u dan ai termini tal-Artikolu 86 fuq imsemmi.  Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa respint u l-ewwel Qorti iddecidiet tajjeb ai termini tal-Artikolu 223 tal-Kap. 12.

Finalment l-appellanti tghid li mhux fl-interess tal-minuri li t-talba attrici tigi akkolta, b'applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kap. 16.  Madankollu din il-Qorti ma tifhimx kif dikjarazzjoni gudizzjarja ta' min hu missierhom tista' taghmel hsara lill-minuri; pjuttost li jkollhom certifikat li jghid li missierhom *mhux maghruf* jista' jkun ta' hsara ghalihom.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichdu; tikkonferma ghalhekk is-sentenza appellata fl-intier taghha; l-ispejjez kollha tal-appell huma a kariku tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df